# ID-DAWL

LULJU 2025 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 91

**“L-għemejjel tajba Huwa jeżalta.”**



Il-Ġustizzja u l-Pjetà | Tqala u Kura Materna | Attivitajiet Karitatevoli | L-Omm tat-Tjieba

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# *Taqwa* (il-ġustizzja u l-pjetà), prerekwiżit għas-suċċess veru

*Imam Laiq Ahmed Atif*
President Ahmadiyya Muslim Jamaat

Mingħajr ma jkun hemm titjib fis-saħħa spiritwali u għan biex tinkiseb it-*taqwa*, m'hemmx tama li jkun hemm avvanz.

Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, il-Mexxej Dinji tal-Ahmadiyya Muslim Jamaat, matul il-konvenzjoni annwali fil-Gran Brittanja, enfasizza ħafna dwar il-ġustizzja u l-pjetà. Il-Qdusija Tiegħu beda billi stqarr li s-sitwazzjoni instabbli attwali tad-dinja tista' tħassibna ħafna, imma m'għandux ikun hekk li kieku d-dinja tiftakar li hemm Ħallieq, li ħoloq kollox u lil kulħadd.

Minkejja li l-bnedmin ingħataw il-ħila li jiddistingwu bejn it-tajjeb u l-ħażin, jidher li ħafna nies qed iduru għall-vizzji aktar milli għad-devozzjoni, mingħajr ma jirrealizzaw li xi darba se jkunu ġġudikati. Min-naħa l-oħra, hemm dawk li jaffermaw li jemmnu f'Alla u fit-tagħlim divin Tiegħu, iżda għemilhom jikkontradixxi dak kollu li suppost jemmnu fih. Biex wieħed isir kredent ġenwin, huwa importanti ħafna li wieħed jimxi fit-triq tat-*taqwa* (il-ġustizzja u l-pjetà).

Il-Qdusija Tiegħu ppreżenta kwotazzjonijiet mill-kitbiet tal-Messija Mwiegħed[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, biex juri l-importanza li wieħed ikun devot.

Il-Messija Mwiegħed[as] jiddikjara li Alla Omnipotenti wasslilna t-tagħlim tat-*taqwa* mill-bidu nett, permezz tal-Koran Imqaddes. B'hekk, in-nies ta'

**ID-DAWL**

LULJU 2025 – Numru 91 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

**INDEX**

Righteousness and piety 02
Pregnancy & maternal care 04
Charitable Activities 06
Morality: the mother of goodness 08

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** iStock.com/FS-Stock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

din il-komunità għandhom jaraw li jfasslu ħajjithom fuq il-mogħdrija, is-sempliċità u l-umiltà. Permezz ta' dan kollu aħna nkattru s-saħħa tagħna biex inkunu nistgħu neħduha kontra l-aggressjoni u r-rabja ta' ħaddieħor. Dawn l-aggressjonijiet jiżdiedu meta xi ħadd iqis lilu nnifsu fuq l-oħrajn, iżda n-nies ta' din il-komunità m'għandhomx iċekknu u jgħajru lil xulxin. Dawn il-karatteristiċi jbiegħdu lill-individwu mid-devozzjoni, u fl-aħħar nett minn Alla, u jwasslu għall-qerda tal-persuna nnifisha.

Għaldaqstant, in-nies għandhom jirrispettaw lil xulxin u m'għandhom jinsulentaw lil ħadd għaliex ir-riżultat jista' jkun li dik il-persuna li twettaq dan tintlaqat mill-isfortuna aktar tard fil-ħajja. Għalhekk, skont il-Koran Imqaddes, fil-ġudizzju ta' Alla, l-aktar stmati huma dawk li għandhom it-*taqwa*: **"Tabilħaqq, l-aktar nobbli minnkom quddiem Alla huwa dak l-aktar devot fostkom."** (Il-Koran, 49:14)

Il-Messija Mwiegħed[as] jiddikjara li Alla Omnipotenti dejjem qiegħed iħares allura, waqt li nżommu dan f'moħħna, għandna nippruvaw li ngħixu bit-*taqwa*. Dan iwassal ukoll għall-għarfien veru, li mhuwiex biss ta' din id-dinja, iżda anki tal-Eternità. Għarfien dinji waħdu jista' jsir bla użu mingħajr l-għarfien divin. Għaldaqstant, in-nies għandhom dejjem iħabirku biex jakkwistaw l-għarfien proprju.

Il-Messija Mwiegħed[as] ifisser li n-*nur* (dawl), fil-verità, huwa l-għarfien rivelat minn Alla, li jdawwal it-triq tagħna b'tali mod li mingħajru, persuna tkun qed timraħ fi dlam ċappa, b'konsegwenza li finalment hija taqa' f'bir inċidentalment.

Il-Koran Imqaddes (35:11) jgħid li, **"u l-għemejjel tajba Huwa jeżalta."**

Dawk li għandhom fidi qawwija, l-azzjonijiet tagħhom isiru aktar u aktar aċċettati minn Alla Omnipotenti u jsiru werrieta tal-barkiet Tiegħu.

Għandna nevitaw li nkażbru lil ħaddieħor. Mhux talli hekk, imma għandna nuru rispett anki fid-diskors tagħna u fir-relazzjonijiet mal-oħrajn. Dawn huma l-metodi kif wieħed jista' jikseb it-*taqwa*.

Jekk ikun hemm gwerra atomika, il-qerda tkun devastanti. Għaldaqstant, għandna niffokaw fuq it-tfakkir ta' Alla, nibqgħu nħabirku biex nakkwistaw it-*taqwa*, nibqgħu sodi fil-fidi, u nkomplu nittrattaw lill-oħrajn b'ġenerożità u b'rispett. (Meħuda minn *Al Hakam*)

# Tqala u kura materna fid-dawl tal-Iżlam

Studju riċenti ppubblikat mill-*Malta Medical Journal* kixef riżultati inkwetanti ferm dwar il-vjolenza kontra n-nisa tqal. Fis-servej ipparteċipaw 85 mara — li minnhom 40 (47%) irrapportaw li esperjenzaw abbuż psikoloġiku, verbali, fiżiku, jew sesswali mill-partners tagħhom tul it-tqala. L-informazzjoni nġabret fil-Perinatal Mental Health Clinic f'Malta bejn Frar u Mejju 2021.

Il-vjolenza kontra kwalunkwe persuna hija kundannabbli, iżda, issir iktar inaċċettabbli meta l-vjolenza ssir fuq nisa tqal, il-għaliex mhux biss jagħmel ħsara lill-mara iżda jaffettwa wkoll il-ħajja li qiegħda ġġorr.

L-Iżlam jagħmel enfasi enormi fuq id-dinjità, il-benesseri u l-ħarsien tan-nisa b'mod ġenerali, u aktar u aktar tul it-tqala u t-treddigħ.

Mara tqila mhux biss tkun qed tieħu ħsieb ħajjitha imma tkun qed tipproteġi wkoll ħajja oħra. L-Iżlam jgħallem li din ir-responsabbiltà sagra teħtieġ aktar kura, kompassjoni u attenzjoni — emozzjonalment, fiżikament, psikoloġikament, u medikament.

Iż-żmien tat-tqala huwa żmien delikat. Mara tgħaddi minn tibdiliet u sfidi kbar — fl-ormoni, emozzjonalment u fiżikament — li jeħtieġu ħafna fehim u sapport. L-Iżlam jirrikonoxxi din ir-realtà u jinkoraġġixxi ħafna ħniena u paċenzja man-nisa tqal.

## Kura fiżika, emozzjonali u spiritwali

L-Iżlam jipprovdi gwida komprensiva għal nisa tqal u dawk li jkunu qed ireddgħu. Din tinkludi bżonnijiet nutrittivi, sapport emozzjonali u saħansitra għajnuniet spiritwali.

Pereżempju, l-Iżlam jippermetti l-eżenzjonijiet mis-sawm waqt ir-Ramadan għal nisa tqal u dawk li jkunu qed ireddgħu biex jassigura li saħħithom u l-benesseri tagħhom ma jintlaqtux ħażin. Din l-eżenzjoni mhijiex kastig jew piż iżda rikonoxximent divin tal-ħtiġijiet uniċi tat-tqala u tat-treddigħ.

Anki waqt il-mestrwazzjoni, l-Iżlam jippermetti lin-nisa waqfa mis-sawm u t-talb, il-għaliex jirrikonoxxi l-iskumdità fiżika u l-vulnerabbiltà tagħhom. Dawn l-ordnijiet huma riflessjoni ta' għerf u mogħdrija divina, li jixhdu li n-nisa għandhom jiġu ttrattati b'ġentilezza, għożża u dinjità.

## Sejħa għar-responsabbiltà u l-mogħdrija

Il-Koran Imqaddes (4:20) jgħid:

**"Ittrattawhom (lin-nisa) tajjeb, b'ġentilezza; u jekk idejqukom, jista' jkun li qed iddejjaqkom xi ħaġa li Alla qiegħed fiha ħafna tieba."**

Dan il-vers iħaddan b'mod sabiħ l-ispirtu tat-tagħlim Iżlamiku: l-irġiel huma mħeġġa biex mhux biss jittrattaw lin-nisa tagħhom sew iżda wkoll li ma joqogħdux ifettqu fuq id-difetti u juru mħabba kostanti, anki f'mumenti ta' tilwim jew diffikultajiet.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kien eżempju ċar ta' dan il-livell ta' trattament. Huwa stqarr:

**"L-aqwa fostkom huwa dak li jittratta l-aħjar lill-mara tiegħu."**

Darba minnhom, wieħed dixxiplu staqsa lill-Profeta dwar ir-responsabbitajiet tiegħu lejn martu. Il-Profeta wieġbu:

**"Itmagħha minn dak li tiekol int, libbisha bħalma tilbes int. Qatt issawwatha, u qatt tgħajjarha."**

Dan il-kliem imur lil hinn minn forniment materjali bażiku. Dan il-kliem iqis ir-rispett, l-empatija, u l-ugwaljanza, valuri li jinsabu fil-qalba ta' żwieġ b'saħħtu. Il-mara mhijiex qaddejja jew sudditu; hija s-sieħba tul il-ħajja, kumpann, u ħafna drabi omm l-ulied ta' dak li jkun. L-Iżlam iħeġġeġ relazzjoni mibnija fuq ir-rispett reċiproku, il-ħniena u l-mogħdrija — bħall-irbit bejn l-aqwa żewġt iħbieb.

Nemmen sinċerament li ż-żwieġ għandu jinbena fuq il-fehim, il-maħfra, u l-imħabba. Madanakollu, l-irġiel, b'mod partikolari, huma mogħtija r-responsabbiltà li jmexxu b'għożża. Matul it-tqala jew il-mestrwazzjoni jew iż-żmien tat-treddigħ, l-irġiel għandhom ikunu aktar sensittivi, u joffru aktar imħabba, paċenzja u għajnuna lin-nisa tagħhom.

# Għajnuna fil-komunità u attivitajiet karitatevoli

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, filwaqt li jsemmi l-kompassjoni tal-ħolqien u l-umanità tal-bniedem, jgħid li l-kompassjoni tal-ħolqien hija tali ħaġa li jekk bniedem jabbandunaha u jitbiegħed minnha, allura gradwalment isir bħall-annimali u bħall-bhejjem. Din hija l-ħtieġa tal-umanità ta' persuna u hija umana sa dak iż-żmien, sakemm tittratta lil ħuha b'qalb tajba, mogħdrija u rispett, u m'hemm l-ebda diskriminazzjoni f'dan. Tabilħaqq, il-bnedmin huma membri ta' xulxin.

Tul dawn l-aħħar xhur, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta kompliet bl-inizjattivi soċjali u karitattivi tagħha b'dedikazzjoni u kompassjoni. Matul ir-Ramadan, il-Komunità rregalat microwaves u juicers liċ-Ċentru tal-Familji tal-Immigranti f'Ħal Far.



Biex tiċċelebra l-Eid-ul-Fitr, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana qattgħet il-ħin mal-familji refuġjati fl-Open Centre tal-Familji ta' Ħal Far (HFO). L-attività kienet immarkata bl-għożża u l-ġenerożità, għax il-membri qassmu l-ikel u x-xorb mar-residenti.






Fl-okkażjoni ta' Eid-al-Adha, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana organizzat attività mar-residenti ta' Dar il-Liedna fil-Fgura l-Ħadd, 8 ta' Ġunju 2025, fejn ħejjiet ikel tradizzjonali u ħolqot spirtu ferrieħi lill-miġemgħa.






F'Lulju, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana tat is-sapport tagħha lill-Maratona tal-Volleyball tad-Dar tal-Providenza.




Biex tagħti sapport fil-qasam edukattiv, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana tat affarijiet essenzjali relatati mal-kitba u l-edukazzjoni lil studenti refuġjati li jgħixu fil-Hangar Open Centre (HOC) ta' Ħal Far. Dan il-ġest għaqli sar biex jitnaqqas il-piż tal-familji refuġjati u jassigura li t-tfal għandhom kollox biex ikunu jistgħu jipparteċipaw sewwa fl-edukazzjoni tagħhom.




Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta estendiet l-għajnuna tagħha wkoll billi żaret lir-residenti anzjani fil-Vivan Care Residence fil-Gżira. Bħala parti minn din l-inizjattiva, il-Komunità għamlet donazzjoni mill-qalb ta' neċessitajiet bażiċi ta' kuljum biex tgħin fil-benesseri tal-anzjani.

# Il-moralità: L-omm tat-tjieba

"Il-morali tajbin huma ċ-ċavetta għal għemejjel tajbin oħra. Dawk li ma jeħdux ħsieb tal-morali tagħhom, bil-mod il-mod isiru inutli. F'din is-sitwazzjoni, wieħed isir agħar minn annimal mejjet. Għall-inqas il-ġilda u l-għadam ta' annimal mejjet jistgħu jintużaw, iżda l-ġilda ta' bniedem mejjet ma tiswa għalxejn. Dan hu l-punt meta huwa jsir l-iktar kreatura inferjuri. Għalhekk, għandna niftakru li, it-titjib tal-morali tagħna huwa ferm importanti għaliex il-morali huma l-omm tal-għemejjel tajba."

Dan il-kliem tad-deheb tal-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana jispjega l-importanza tal-moralità bl-aktar mod eċċellenti. Huwa minnu li, il-moralità hija l-essenza kbira u siewja li permezz tagħha l-fratellanza reċiproka, l-għaqda u l-ftehim, l-imħabba u l-maħfra, il-ħbiberija u l-ġentilezza, it-tolleranza u l-armonija jistgħu jinħolqu fis-soċjetà. Fl-Iżlam il-manjieri tajba u l-virtujiet jingħataw importanza kbira, sa tali punt li, il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kien jitlob għal manjieri tajbin. Huwa rrakkontat li kien jitlob, **"O Alla, kif żejjintni bil-ġmiel fiżikament u għamilt id-dehra tiegħi sabiħa, nitolbok, sebbaħ ukoll il-manjieri tiegħi."**

Barra minn hekk, kien jitlob għall-għajnuna ta' Alla sabiex ikun jista' jevita l-imġiba ħażina; u kien jitlob, **"Mulejja, infittex il-kenn Tiegħek minn kondotta ħażina, għemejjel ħżiena u xewqat mhux xierqa."** Nistgħu nifhmu l-kobor u s-sbuħija tal-morali tajba minn dan il-punt fejn il-Profeta Muħammad, is-sliem għalih, jistqarr li, **"L-aqwa fostkom huma dawk li l-morali tagħhom huma l-aħjar"**; u qal li, **"L-aktar maħbub għalija u l-eqreb tiegħi f'Jum il-Ġudizzju se jkunu dawk li għandhom l-aqwa morali u manjieri."**

It-tagħlim Iżlamiku jenfasizza ħafna fuq il-prattika ta' morali tajba u manjieri eċċellenti fid-dar u fis-soċjetà u f'kull livell; u jindirizza din il-kwistjoni f'ħafna dettall. Dan għandu jiġbed l-attenzjoni tagħna biex nagħmlu l-akbar sforzi biex nipprattikaw l-aktar morali eċċellenti. Għandna nippruvaw nadottaw l-ogħla morali billi nużaw il-fakultajiet kollha tagħna sabiex inkunu assi għas-soċjetà u għall-pajjiż. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, wissa li ħadd m'għandu jkażbar lil xi ħadd għax hu qasir jew għandu xi difetti fiżiċi; u qal lil martu biex ma turi lanqas l-iċken dispjaċir lejn kwalunkwe nisa oħra għal xi ħaġa mhux f'postha.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**